# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 25 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 223 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 24**

**KF**
**Vs**
**RG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' KF datat 2 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala* ***Dok. 'A'.***
>
> *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel, senjatament T, illi twieled f' X, u li ghaldaqstant ghadu minorenni.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv, fl-atti tan-Nutara Dottor Rachel Busuttil, illi kopja legali tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala* ***Dok. 'B'.***

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), u jghixu hajja totalment separata minn xulxin, u dan skond ma jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi, ai termini tal-klawsola tlieta (3) ta' l-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin.*

*Illi ghal dak illi jirrigwarda l-manteniment dovut ghal iben il-partijiet Thomas, ir-rikorrenti jirrileva umilment illi l-manteniment dovut ghall-imsemmi minuri, ai termini tal-klawsola 2(viii) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, qieghed jithallas b'mod regolari, u dan oltre diversi spejjes ohra.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu li qed jigi hawn esebit u mmarkat bhala* ***Dok. 'C'.***

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex: -*

*(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Dr Roberta Gauci datat 23 ta' Lulju 2024, a fol 22 li taqra hekk:

*Illi permezz tar-rikors tieghu r-rikorrent KF qieghed jitlob pronunzjament ghall-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet fuq premessi;*

*Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Lija u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel tal-partijiet, T li llum ghandu X -il sena;*

*Illi l-esponenti tikkonferma li l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz tal-kuntratt imsemmi mir-rikorrent fir-rikors tieghu, u cioe dak datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil;*

*Illi pero, kuntrarju ghal dak dikjarat mir-rikorrent, m'huwiex veru li l-manteniment dovut lill-esponenti ghall-iben minuri tal-partijiet thallas regolarment u dan billi r-rikorrent qabez u naqas milli jhallas diversi pagament mensili u wkoll naqas milli jirrispetta z-zieda annwali tal-manteniment kif prospettat mill-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;*

*Illi flimkien ma din ir-risposta qed jigi pprezentat affidavit( dokument 'A') permezz ta' liema l-esponenti qed tressaq spjega dwar il-hlas ta' manteniment li ghadu dovut lilha mir-rikorrent;*

*Illi ghalkemm l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda possibilta' li jkun hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom sa miz-zmien tal-fuq imsemmija separazzjoni li qed jghixu hajja kompletament separata minn xulxin, madanakollu hija ma tistax taqbel li jinghata d-divorzju qabel ma jigi saldat da parti tar-rikorrent l-ammont ta' manteniment li ghadu dovut lilha ghall-*

*beneficcju ta' binhom minuri;*

*Illi sa kemm ir-rikorrenti jibqa inadempjenti fl-obbligi minnu assunti permezz tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ghal dak li jirrigwarda hlas ta' manteniment ghall-wild minuri, ir-rekwiziti mehtiega mill-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ghoti ta' divorzju, partikolarment l-Artikoli 66B u 66D, m'humiex sodisfatti u f'dan is-sens l-esponenti qed toggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrent;*

*Illi f'kaz pero li l-ammont dovut lilha kif hawn fuq spjegat jigi debitament saldat da parti tar-rikorrent, hija ma jkollha l-ebda oggezzjoni ulterjuri ghat-talbiet kif mressqa mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu u f'tali kaz, hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar l-ghoti minn din l-Onorabbli Qorti tad-divorzju kif mitlub mir-rikorrent u konsegwentement l-ghoti ta' notifika tal-hall taz-zwieg lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u li jkun hemm ir-registrazzjoni relattiva mar-Registru Pubbliku;*

*Illi finalment l-esponenti thoss illi hija m'ghandhiex tkun responsabbli ghal ebda spejjez marbuta mal-proceduri odjerni stante r-rifjut tar-rikorrenti li jottempera ruhhu bis-shih mal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-intimata datata 27 ta' Novembru 2024 vide fol 29 fejn irtirat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta'mantenient dovut lilha ghall-minuri TF;

Rat in-nota tal-attur datata 12 ta' Mejju 2025 vide fol 41;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (**vide affidavit **a fol 17 )** illi il-kontendenti izzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Xehed illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru fis-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil. Il-partijiet ikkonfermaw li ilhom jghixu de facto separati minn Frar tas-sena (2018). Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.

**L-intimata** xehdet (vide affidavit **a fol 24 et seqq.**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha izda kien hemm ftehiem li jirrigwardjaw l-arretrati tal-manteniement li KF ried ihallas ghall-minuri T. Di piu' rtirat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghall-minuri T permezz ta' nota vide fol 29 fil-process.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti***

***tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) liema zwieg jgib certifikat numru 2115/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil nhar is-27 ta' Novembru 2019 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-intimata permezz ta' nota datata irtirat l-eccezzjoni rigward il-hlas ta' manteniment dovut ghall-minuri T  (vide fol 29)

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2115/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**